

**Brussell, 30 ta' Ġunju 2023
(OR. en)**

11159/23

**ECOFIN 683
UEM 217
SOC 508
EMPL 359
COMPET 703
ENV 782
EDUC 295
RECH 327
ENER 418
JAI 930
GENDER 159
ANTIDISCRIM 153
JEUN 197
SAN 434**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9853/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 627 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-lżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tal-lżvezja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 627 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill
dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2023 tal-Iżvezja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi², u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

³ Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentri madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lill-Iżvezja bħala waħda mill-Istati Membri li tista' tiġi affettwata jew li tista' tkun friskju li tiġi affettwata mill-iżbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro⁴ fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.
- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet zero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

⁵ Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Hija għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-objettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-28 ta' Mejju 2021 l-Iżvezja ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fl-4 ta' Mejju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Iżvezja⁶. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Iżvezja tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggġgħet lura.

⁶ ST 7772/2022 INIT; ST 7772/2022 ADD 1.

- (10) Fit-28 ta' April 2023, l-Iżvezja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u, fit-28 ta' April 2023, il-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Iżvezja dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippublikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għall-Iżvezja. Huwa vvaluta l-progress tal-Iżvezja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza mill-Iżvezja. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Hija vvalutat ukoll il-progress tal-Iżvezja fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

(12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Iżvezja u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Iżvezja qed tesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, għad hemm vulnerabbiltajiet relatati mas-suq tal-proprjetà immobbli tagħha u dejn privat għoli. Il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli huma għoljin, u sa dan l-aħħar kienu qed jogħlew. Iż-żidiet fil-prezzijiet tad-djar marru id f'id maż-żieda fid-dejn privat. Fl-2022, f'kuntest ta' ssikkar sinifikanti fil-kundizzjonijiet monetarji u ta' finanzjament, il-prezzijiet tal-proprjetà immobbli bdew jonqsu b'mod viżibbli f'dak li jidher li huwa l-bidu ta' xoljiment tal-vulnerabbiltajiet akkumulati. Il-prezzijiet għadhom sopravvalutati b'mod sinifikanti u huma mistennija li jonqsu aktar. Il-fatturat fis-settur tal-proprjetà immobbli dan l-aħħar naqas b'mod sinifikanti, u, b'riżultat ta' dan, id-domanda għal abitazzjonijiet mibnija ġodda naqset ukoll. L-iżviluppi negattivi, sa issa, kienu limitati għas-setturi tal-kostruzzjoni u tal-proprjetà immobbli, li issa qed jonqsu drastikament wara snin ta' tkabbir għoli. B'mod ġenerali, l-ekonomija Żvediża hija mistennija li tiċkien fl-2023, bil-bidliet fil-kundizzjonijiet monetarji li jaffettwaw il-karti tal-bilanċ tal-unitajiet domestiċi u tal-kumpaniji tal-proprjetà immobbli kummerċjali u l-abbiltà tagħhom li jikkunsmaw u jinvestu. L-impatt tar-rati tal-imgħax miżjuda fuq il-pagamenti tal-ipoteki huwa sostanzjali, minħabba l-prevalenza ta' rati tal-imgħax varjabbli u ipoteki b'durata twila ħafna. L-impatt tal-kundizzjonijiet li qed jinbidlu fuq is-settur finanzjarju kien limitat; is-settur huwa b'saħħtu u jirreġistra marġnijiet ta' profitt għoljin u proporzjonijiet kapitali ponderati għar-riskju, li x'aktarx iservu bħala murata kontra l-propagazzjoni tal-problemi tas-settur tal-proprjetà immobbli għall-ekonomija usa', minkejja li hija esposta bil-kbir għal tibdil fis-settur tal-proprjetà immobbli. Il-progress fil-politika kien limitat. B'mod partikolari, is-sistema tat-taxxa tkompli tiffavorixxi s-sjieda tad-djar permezz ta' tassazzjoni fuq il-proprjetà rikorrenti baxxa u tippromwovi l-akkwist ta' akkomodazzjoni ffinanzjata mid-dejn permezz ta' tnaqqis sinifikanti mit-taxxa tal-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki. Barra minn hekk, is-suq ineffiċjenti tal-kiri ra riforma limitata.

- (13) Skont data vvalidata mill-Eurostat, il-bilanċ tal-gvern estiż tal-Iżvezja tjeib minn pożizzjoni baġitarja bbilanċjata fl-2021 għal surplus ta' 0.7 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 36.5 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 33.0 % fi tmiem l-2022.
- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri ta' politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu t-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija fuq id-diżil u l-petrol; filwaqt li t-tali miżuri ta' politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu t-tpaċija tal-kost tal-elettriku għall-unitajiet domestiċi. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawk il-miżuri kien ta' 0.2 % tal-PDG fl-2022⁷. Il-bilanċ tal-gvern estiż għie affettwat ukoll mill-kost baġitarju tal-offerta ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li huwa stmat għal 0.2 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, il-kost stmat tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 1.1 % tal-PDG fl-2022, minn 2.0 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 l-Iżvezja⁸ iżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls approvdut mill-Faċilità, u tippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.

⁷ Il-kost baġitarju gross tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija kien qrib iż-0.5 % tal-PDG fl-2022, iżda għie riċevut dħul sinifikanti ta' tpaċija mill-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni, *Svenska Kraftnät*.

⁸ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-Iżvezja għall-2021, (ĠU C 304, 29.7.2021, p. 131).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁹ fl-2022 kienet restrittiva, b'+0.4 % tal-PDG, li kienet xierqa f'kundest ta' inflazzjoni għolja. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, l-Iżvezja kompliet tappoġġa l-irkupru inkluż b'investimenti ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 0.2 % tal-PDG fl-2022 (0.2 % tal-PDG fl-2021). L-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.1 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali¹⁰. L-Iżvezja għalhekk ippreservat l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprovda kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.8 % punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Għalhekk l-Iżvezja żammet suffiċjentement taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment.
- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Konverġenza tal-2023 huwa kawt fl-2023 u konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni wara dan. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jonqos b'1.0 % fl-2023 u jergħa' jikber b'1.2 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jonqos b'0.5 % fl-2023 u jikber b'1.1 % fl-2024, prinċipalment minħabba li data aktar reċenti u investment barra l-kostruzzjoni huma kemxejn inqas dinamiċi fit-tbassir tal-Kummissjoni.

⁹ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

¹⁰ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali pprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punti perċentwali tal-PDG.

(18) Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu tal-2023, il-Gvern jistenna li s-surplus tal-gvern estiż tal-2022 ser jiddeterjora għal proporzjon tad-defiċit ta' 0.4 % tal-PDG fl-2023. Id-deterjorament fl-2023 jirrifletti prinċipalment l-ekonomija aktar dgħajfa u d-deterjorament tal-finanzi tas-settur tal-gvern lokali. Skont il-Programm ta' Konverġenza 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 33.0 % fi tmiem l-2022 għal 31.0 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 0.9 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa oġġla mid-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza 2023, prinċipalment minħabba li l-Kummissjoni tistenna nfiq pubbliku oġġla, li jirriżulta minn, fost l-oħrajn, konsum intermedju oġġla u trasferimenti soċjali in natura u nefqa oġġla fuq l-imgħax. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 31.4 %, fi tmiem l-2023.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022 (b'mod partikolari, it-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija fuq il-petrol u d-diżil) u miżuri ġodda, bħall-kumpens tal-kostijiet tal-elettriku għad-djar, il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet. Il-kost ta' dawk il-miżuri hija fil-biċċa l-kbira kkompensata mid-dħul mit-tariffi tat-trażmissjoni kif ukoll, sa ċertu punt, mit-taxxi fuq il-profitti mhux mistennija tal-fornituri tal-enerġija. Meta jitqies dak id-dħul, il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pprojetat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.1 % tal-PDG fl-2023¹¹. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022¹², huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.0 % tal-PDG fl-2023 (f'konformità mal-2022). Il-kost baġitarju biex tiġi offruta protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna huwa pprojetat li jibqa' ġeneralment stabbli fl-2023. Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 1.1 % tal-PDG.

¹¹ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarji annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll — fejn rilevanti — il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Iżvezja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tal-Iżvezja, (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 221).

- (20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Iżvezja tiegħu azzjoni biex tiżgura li fl-2023 it-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni politika newtrali b'mod kumplessiv¹³, filwaqt li jitqies l-appoġġ temporanju u mmirat kontinwu għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna. L-Iżvezja jenħtieġ li tkun lesta li taġġusta l-infiq kurrenti għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Ġie rrakkomandat lill-Iżvezja wkoll biex tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.
- (21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pprojetata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun ġeneralment newtrali (-0.1 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi pożizzjoni fiskali kontrazzjonali fl-2022 (+0.4 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni ġeneralment newtrali ta' -0.2 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Fil-qosor, it-tkabbir ipprojetat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet taħt il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija pprojetata li tammonta għal 0.3 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa pprojetat li jipprovdi kontribuzzjoni ġeneralment newtrali għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.1 punt percentwali¹⁴. Għalhekk, l-Iżvezja qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u mhijiex ipprojetata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, bħal investimenti fit-tranżizzjoni klimatika tal-industrija u l-espansjoni tal-broadband, li huma ffinanzjati mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

¹³ Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir tal-output potenzjali tal-Iżvezja, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) huwa stmat fil-livell ta' 7.7 % f'termini nominali.

¹⁴ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pprojetata li ttipprovdi kontribuzzjoni newtrali.

- (22) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż mistenni li jiżdied għal 0.6 % tal-PDG fl-2024. Iż-żieda fl-2024 tirrifletti prinċipalment it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jibqa' stabbli għal 31.0 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 0.5 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa ġeneralment konformi mad-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Konverġenza 2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ta' 30.7 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-Programm ta' Konverġenza 2023 jipprevedi t-tneħħija gradwali tal-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024¹⁵. Il-Kummissjoni tistma li l-kost nett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija hija ta' 0.1 % tal-PDG fl-2024, f'konformità mal-2023. Dawk l-istimi huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Dawn ma jippreservawx is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.
- (24) Fil-programm ta' Konverġenza 2023, l-Iżvezja qed tippjana li tilħaq l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju – bilanċ baġitarju strutturali ta' -1.0 % tal-PDG – fl-2023 u l-2024, u li żżommu matul il-bqija tal-perjodu tal-programm. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2023 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa mbassar li ser jirreġistra surplus ta' 0.1 % tal-PDG fl-2023 u ta' 0.7 % tal-PDG fl-2024, 'il fuq mill-oġettiv baġitarju fuq terminu medju.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali ser tikber fl-2024 għal 1.1 % fl-2024.

¹⁵ It-tnaqqis tat-taxxa fuq l-enerġija fuq id-diżil u l-petrol huwa ppjanat li jibqa' fis-seħħ mill-2023 sal-2025.

- (26) Skont il-Programm ta' Konverġenza tal-2023, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jiżdied minn 4.7 % tal-PDG fl-2023 għal 5.2 % tal-PDG fl-2024. L-investment oġġla jirrifletti investment oġġla ffinanzjat f'livell nazzjonali u investment ffinanzjat mill-Unjoni, jiġifieri permezz tal-Faċilità. Il-Programm ta' Konverġenza 2023 jirreferi għal riformi u investimenti, bħaż-żieda fil-limiti tal-età fis-sistema tal-pensjonijiet, li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv.
- (27) Il-Programm ta' Konverġenza 2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-Programm ta' Konverġenza 2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jinbidel f'surplus ta' 0.2 % tal-PDG fl-2025 u ta' 1.4 % sal-2026. Għaldaqstant, il-bilanċ tal-gvern estiż huwa ppjanat li jilħaq il-valur ta' referenza rilevanti tat-Trattat matul l-orizzont tal-Programm. Skont il-Programm ta' Konverġenza 2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 31.0 % fi tmiem l-2024 għal 27.7 % sa tmiem l-2026.
- (28) Dejn privat għoli u, minkejja xi korrezzjonijiet reċenti, il-prezzijiet tal-proprjetà li għadhom sopravvalutati jikkostitwixxu żbilanċi makroekonomiċi li għadhom f'riskju ta' żarmar diżordinat. L-akkomodazzjoni tibqa' diffiċli biex wieħed jaffordja għal parteċipanti ġodda fis-suq tal-akkomodazzjoni, filwaqt li s-suq tal-kiri joffri f'it alternattivi u għadu jeħtieġ riforma, biex jitnaqqsu l-listi ta' stennija u tiġi promossa l-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni għall-kiri. L-Iżvezja ħadet azzjoni ta' politika limitata biex tilqa' għall-iżbilanċi, b'enfasi fuq politiki makroprudenzjali u miżuri ta' provvista mmirati biex jiffaċilitaw il-proċeduri tal-permessi għall-bini u jissussidjaw il-kostruzzjoni ta' appartamenti għall-kiri.

(29) Il-piż ġenerali tat-taxxa fuq il-proprjetà għadu relattivament baxx minħabba tnaqqis ġeneruż tat-taxxa fuq il-pagamenti tal-imgħax ipotekarju u taxxi rikorrenti baxxi fuq il-proprjetà. L-impatt tal-bidliet fil-politika fuq il-pagamenti ipotekarji ta' wara t-taxxa huwa diffiċli li jiġi vvalutat, minħabba nuqqas ta' data individwali tal-unitajiet domestiċi dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet. Id-disponibbiltà ta' tali data tista' twassal għal titjib fl-effiċjenza fit-tfassil tal-politika, u possibbilment tnaqqas l-ostaklu għad-dħul fis-suq tad-djar u xxerred il-piżijiet tal-akkomodazzjoni b'mod aktar ugwali fost il-popolazzjoni. Fis-suq tal-kiri, il-kirjiet irregolati aktar baxxi minn tas-suq qed jibbenefikaw minnhom grupp limitat ta' familji. Ma hemm l-ebda rabta bejn il-kirjiet irregolati aktar baxxi minn tas-suq u l-ħtiġijiet jew l-introjt u tal-unità domestika. B'konsegwenza ta' dan, hemm listi ta' stennija twal, b'mod partikolari għall-abitazzjonijiet aktar imfittxija għall-kiri, u r-rata ta' postijiet battala għall-appartamenti hija baxxa ħafna minn perspettiva internazzjonali. Li kieku l-kirjiet isegwu l-prezzijiet tas-suq aktar mill-qrib flimkien ma' appoġġ għall-kiri relatat mal-introjt u l-ġid nett, ikun hemm titjib fl-effiċjenza.

- (30) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. Filwaqt li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Iżvezja ġie adottat biss fl-2022, l-implimentazzjoni tiegħu issa tinsab għaddejja. Minkejja bidu kajman, l-implimentazzjoni ġeneralment tinsab fit-triq it-tajba, u, f'dan l-istadju, ir-riskji ta' nuqqas ta' assorbiment jidhru limitati minħabba l-allokazzjoni finanzjarja relattivament żgħira tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-arranġamenti operattivi bejn il-Kummissjoni u l-Iżvezja ġew konklużi f'Mejju 2023. L-Iżvezja mistennija tippreżenta l-ewwel talba tagħha għal pagament li tikkombina żewġ pagamenti parzjali fit-tieni nofs tal-2023. It-tnejniet ta' kapitolu REPowerEU u addendum minħabba t-tnaqqis żgħir ta' appoġġ li ma jitħallasx lura għadhom għaddejjin. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġettivi strateġiċi tal-Iżvezja fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involvement sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.
- (31) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Iżvezja fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fl-Iżvezja.

- (32) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, l-Iżvezja qed tiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati ma' (i) opportunitajiet inugwali fl-edukazzjoni għal studenti minn kuntesti soċjoekonomiċi u ta' migrazzjoni żvantaġġati; (ii) il-ħtieġa li l-gruppi żvantaġġati jiġu integrati aħjar fis-suq tax-xogħol; u (iii) il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili.
- (33) Minkejja li l-Iżvezja ġeneralment ikollha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-eżiti edukattivi, għad hemm inugwaljanzi fis-sistema edukattiva Żvediża. L-istudenti bi sfond soċjoekonomiku u ta' migrazzjoni żvantaġġati għandhom opportunitajiet edukattivi limitati, inkluż opportunitajiet biex jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa biex isibu impjieg. L-inugwaljanzi fl-edukazzjoni qed jiżdiedu u spiss huma marbuta man-nuqqas ta' opportunitajiet għall-istudenti li ġejjin minn kuntesti ta' migrazzjoni biex jagħżlu l-iskola li jridu, b'mod partikolari għal dawk li jkunu waslu reċentement fl-Iżvezja. Id-differenzi fil-prattiki ta' gradazzjoni fl-iskejjel jirriskjaw li jkomplu jdgħajfu l-eżiti edukattivi. In-nuqqas ta' għalliema kwalifikati għadu problematiku u huwa l-aktar urġenti għall-għalliema bi bżonnijiet speċjali, l-għalliema tas-suġġetti fl-iskejjel obbligatorji u l-għalliema vokazzjonali fl-iskejjel sekondarji. Hemm lok biex jittejjbu l-istruttura u l-governanza tas-sistema edukattiva, inkluż il-proċess ta' reġistrazzjoni u s-sistema ta' klassifikazzjoni, kif ukoll il-progress fil-karriera tal-għalliema.

- (34) L-Iżvezja għadha qed tiffaċċa sfidi fl-integrazzjoni ta' persuni bi sfond żvantaġġat u ta' migrazzjoni fis-suq tax-xogħol, kif ukoll fit-tnaqqis tad-diskrepanzi fil-ħiliet li fadal. Hemm distakk dejjem akbar fil-livelli ta' edukazzjoni tal-persuni li ma twildux fl-Unjoni meta mqabbla ma' dawk imwielda fl-Unjoni, prinċipalment minħabba n-numru li qed jiżdied ta' persuni li jilħqu livell edukattiv terzjarju minn dawn tal-aħħar. Is-sehem ta' dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ qed jiżdied, speċjalment fost l-istudenti li ma twildux fl-Unjoni. It-tiżni tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' taġlim huwa meħtieġ sabiex jgħin lill-persuni minn gruppi żvantaġġati jiżviluppaw ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol u jżidu l-possibiltajiet taġhom li jsibu impjieg.

(35) Huwa meħtieġ aktar sforz għall-Iżvezja biex tilħaq il-mira nazzjonali tagħha ta' emissjonijiet tal-karbonju zero netti sal-2045. Għalkemm l-Iżvezja għadha fost l-Istati Membri bl-ogħla sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija tagħha, il-kapaċità tal-grilja tal-elettriku u r-restrizzjonijiet tat-trażmissjoni jistgħu jimponu restrizzjonijiet fuq l-użu ulterjuri ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-futur. Fl-2022, dawn ir-restrizzjonijiet ikkontribwew għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija għall-industrija u għall-unitajiet domestiċi u llimitaw l-espansjoni tal-attività ekonomika f'postijiet ġeografiċi remoti. Iż-żieda fil-kapaċità tal-grilja tal-elettriku hija kruċjali, minħabba li l-konsum finali tal-elettriku tal-Iżvezja huwa mistenni li jirdoppja għal 300 TWh sal-2045, minħabba ż-żieda fil-ħtiġijiet tal-elettrifikazzjoni tal-industrija u t-trasport. Madankollu, il-kostruzzjoni u t-tiħiħ tal-grilja tal-elettriku huma soġġetti għal dewmien ikkawżat minn proċessi twal ta' għoti ta' permessi. Barra minn hekk, l-Iżvezja għandha wħud mill-aktar proċeduri amministrattivi twal fl-Unjoni għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari proġetti eoliċi fuq l-art. Il-Gvern nieda investigazzjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-permessi ambjentali fi ħdan il-mandat tal-Kodiċi Ambjentali Żvediż. Fl-istess ħin, hija meħtieġa azzjoni politika konkreta sabiex jitħaffu l-proċeduri amministrattivi għall-espansjoni tal-grilja tal-elettriku u l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, pereżempju billi jiġi limitat l-għadd ta' awtoritajiet involuti f'dawn il-proċeduri u billi jitmexxew proċeduri b'mod parallel. It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija billi tiżdied l-effiċjenza enerġetika huwa essenzjali wkoll biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji. F'termini ta' effiċjenza enerġetika, l-Iżvezja tinsab f'riskju li ma tilħaqx il-mira nazzjonali tagħha li tuża l-enerġija 50 % b'mod aktar effiċjenti fl-2030 (meta mqabbla mal-2005) jekk tkompli t-trajettorja tal-konsum tal-enerġija bejn l-2005 u l-2020. B'konsum tal-enerġija primarja ta' 43.8 Mtoe fl-2021, l-Iżvezja tibqa' fost l-Istati Membri bl-ogħla konsum tal-enerġija per capita. Il-konsum tal-gass naturali tal-Iżvezja naqas b'37 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, li huwa lil hinn mill-mira ta' tnaqqis ta' 15 %. L-Iżvezja tista' ssaħħaħ l-isforzi biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369¹⁶.

¹⁶ Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

- (35) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-manifattura, l-iskjerament u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-regġuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. In-nuqqasijiet ta' ħaddiema żdiedu fl-Iżvezja f'dawn l-aħħar snin u fl-2022 ġew irrapportati għal 16-il impjeg li jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (36) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2023 u l-opinjoni¹⁷ tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).
- (37) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Konverġenza tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-Rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta mad-dejn privat għoli u l-prezzijiet għoljin tad-djar,

¹⁷ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Iżvezja fl-2023 u fl-2024 tiegħu azzjoni biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' emerġenza fis-seħħ, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u fl-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, tiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Filwaqt li żżomm pożizzjoni fiskali soda fl-2024, tippreserva l-investment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi l-investment u r-riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli ogħla u tippreserva pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Tnaqqas ir-riskji relatati ma' dejn għoli tal-unitajiet domestiċi u żbilanċi fis-suq tad-djar billi tnaqqas it-tnaqqis tat-taxxa tal-pagamenti tal-imgħax fuq l-ipoteki u/jew iżżid it-taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, filwaqt li tistabilixxi għodod adegwati għal valutazzjoni u mmirar aħjar tal-politika. Tistimula l-investment fil-bini residenzjali biex ittaffi n-nuqqasijiet l-aktar urġenti, b'mod partikolari billi tneħħi l-ostakli strutturali għall-kostruzzjoni u billi tiżgura provvista tal-art li tista' tinbena. Ittejjeb l-effiċjenza tas-suq tad-djar, inkluż bl-introduzzjoni ta' riformi fis-suq tal-kiri.

2. Tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu u tiffinalizza malajr il-kapitolu REPowerEU bil-għan li jibda l-implimentazzjoni tiegħu malajr. Tkompli bl-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

3. Ittejjeb l-eżiti edukattivi għall-istudenti bi sfond soċjoekonomiku u ta' migrazzjoni żvantaġġat billi tiżgura opportunitajiet ta' aċċess ugwali fis-sistema skolastika u tindirizza n-nuqqas ta' għalliema kwalifikati. Tiżviluppa l-ħiliet tal-gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, billi tadatta r-riżorsi u l-metodi għall-ħtiġijiet tagħhom, bl-għan li tgħinhom jintegraw fis-suq tax-xogħol.
4. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż billi tespandi u taġġorna n-networks tat-trażmissjoni tal-enerġija, tintroduċi riformi biex tissimplifika u tħaffef il-proċeduri amministrattivi u ta' permessi, ittejjeb l-effiċjenza enerġetika u żżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
